# Il-Bini tat-Torri San Tumas (1614 – 2014) F'għeluq ir-Raba' Ċentinarju

Malcolm Schembri




Din is-sena, Wied il-Għajn qed jiċċelebra anniversarju ieħor. It-Torri ta' San Tumas qed jiċċelebra l-erba' mitt sena minn meta ġie mibni. Inkitbu diversi kotba tal-istorja kemm riċenti, kif ukoll antiki, inklużi kotba li ġew stampati fi żmien l-Imperu Ingliż li lkoll isemmu dan it-Torri. Qed ngħid dan, għax Torri San Tumas kien imsemmi fil-passat bħala post ta' difiża. Wara tant snin fi stat ta' abbandun, fejn anki jien niftakru wkoll, jintuża bħala restorant, illum qed nagħrfu aktar il-valur ta' dawn il-postijiet storiċi u permezz ta' riċerka dettaljata, qed insiru aktar konxji x'postijiet storiċi għandna f'din il-gżira ċkejkna bi storja kbira. Però, permezz ta' kitbieti, se nagħti ftit informazzjoni fil-qosor dwar dan it-torri. Xi darba għad irrid nikteb aktar fid-dettall dwaru.

**Introduzzjoni**

Wied il-Għajn ma kienx Wied il-Għajn tal-lum. Dak iż-żmien bini, ftit li xejn u għalhekk kien nieqes minn kull għamla ta' difiża u kien faċli ħafna għas-sibbien li jidħlu fil-bajja ta' Wied il-Għajn u anki fil-bajja ta' San Tumas, bil-faċilità kollha li setgħu jkissru, jisirqu, u joqtlu lil min isibu quddiemhom. U din baqgħet tiġri dejjem, qabel ma nbena dan it-Torri.

**Il-wasla tal-Kavallieri f'Malta**

Il-Kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta fl-1530. Imma sal-Assedju tal-1565, kienu għadhom ma ddeċidewx jekk jibqgħux hawnhekk. Kif iddeċidew li jibqgħu joqogħdu

hawn, bdew isaħħu d-difiża tal-gżejjer Maltin. Imma l-Kavallieri ma bdewx minn Wied il-Għajn, iżda bdew mill-Port il-Kbir u kellhom jgħaddu kważi disgħin sena, biex bdew isaħħu d-difiża f'Wied il-Għajn. Wara li Wied il-Għajn, safa attakkat mit-Torok fl-1614, il-Kavallieri ddeċidew li jsaħħuh billi fost l-oħrajn bnew Torri San Tumas.

## L-attakk fuq Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun minn Wied il-Għajn

Filgħodu kmieni **tal-Ħadd 6 ta' Lulju 1614**, dehret flotta ta' sittin xini Tork taħt il-kmand ta' Ali Baxa. It-Torok kienu madwar 6,000 ruħ. L-ewwel ippruvaw jidħlu fil-bajja ta' Marsaxlokk, imma sabu li t-Torri San Luċjan li kien għadu kemm inbena, kien sod u armat bil-kanuni u allura ma rnexxielhomx. Dan it-Torri kien inbena erba' snin qabel, mill-Granmastru Alof de Wignacourt. Imma t-Torok ma qatgħux qalbhom u minkejja li ma daħlux minn Marsaxlokk, daħlu bl-ikbar faċilità minn Wied il-Għajn, peress li sadakinhar, it-Torri San Tumas kien għadu ma nbeniex, għalkemm kien hemm pjan li jittella' dan it-Torri, sabiex iħares kemm il-bajja ta' San Tumas u anki l-bajja ta' Wied il-Għajn, iżda t-Torri kien għadu biss fuq il-pjanta!!! **Fil-fatt, minn hemmhekk, it-Torok niżlu u baqgħu sejrin fl-irħula tal-qrib ta' Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun, fejn sfaw attakkati l-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar [1] u l-Knisja l-qadima ta' San Girgor fiż-Żejtun. [2] Kitba fl-arkivju Parrokkjali taż-Żejtun [3] u kopja tagħha fuq wieħed mill-pilastri tal-artal maġġur fil-knisja nnifisha, jirrakkuntaw x'kien ġara. [4]**


Torri San Tumas qabel iddawwar bil-bini
www.miltaryarchitecture.com


A DI.6.LUGL:1614.
L'ARMATA TORCHESCA INNUMERO DI 60
GALERI, IN GIORNO DI DOMENICA NEI HORI
INANZI DI, ED HA BUTATO GENTI IN TERRA
NELLA CALA DI S: TOMASO NOMINA LA IL
GHIZIRA CIRCA SEI MILA PERSONA. E VEN=
NERO NELLI CASALI ED ARRIVARONO FINO
ALLA HAIRA DEL FEDO DI BULEBEL, HANNO
AMAZZATO DIVERS ANIMALI, HANNO SACH=
EGGIATO DETTI CASALI, ED HANNO ABBRUGIATO
TUTTI LI HAIRI, HANNO RUINATO A S:a CATARI=
NA CON TUTTI LI ALTRI ECLESII, E SONO ST=
ATI PRESI PARECCI DI LORO AMMAZATI E SE=
GUITATI IN SINDO LA MARINA, E NON È STA=
TO PRESO NESSUNO DEI CRISTIANI E DELLI CRI=
STIANI SONO STATI FERITI IN CIRCA DI VENTI
E DI QUEL DI SINO L'INFRASCRITTA GIORNATA
11 SETTEMBRE 1614. LI FILIOLI DI QUESTA PARRO=
CHIA CHI SONO STATI NATI, SONO STATI BAT=
TIZATTI IN ALTRI PARROCHII: ESTRATTA DAL
SECONDO LIBRO DEI BATTESIMI DI QUESTA
PARROCHIA.

Plakka li tfakkar l-istraġi tal-1614
(Knisja ta' San Girgor, Żejtun) Ħajr lil Paul Pace

Meta t-Torok ġew imwaqqfa mill-Maltin u l-Kavallieri taħt il-kmand tal-Kommendatur Fra Filippu de Guoy Compremi, [5] huma baqgħu sejrin il-Mellieħa, fejn għamlu ħafna ħsara lis-Santwarju tal-Madonna. **Żejtuni li wera qlubija kbira, f'din il-ġlieda, kien Klement Tabone, li wara bena l-knisja ta' San Klement, wara wegħda li kien għamel.**

## Jinbena t-Torri San Tumas

Wara dan l-attakk, il-Kavallieri ma damux ma ndunaw li jekk it-Torok jerġgħu jinżlu Wied il-Għajn, ikun ta'

nkwiet kbir għas-sigurtà tagħhom, għax dawn iż-żewġ bajjiet, kienu daħliet li joffru aċċess dirett lit-Torok biex jaslu sal-qalba ta' Malta. Għalhekk **il-Gran Mastru Wignacourt, ħaseb biex jibni t-Torri ta' San Tumas.** Din l-art, kienet diġà ġiet mixtrija qabel mill-istess Gran Mastru. Torri San Tumas kien it-tielet torri li Wignacourt bena minn butu. Il-ħsieb wara dan il-bini, kien li jkun ta' difiża u ħażna għall-armi u mhux biss ikun Torri tal-għassa. **Jingħad li d-disinn hu ta' Vittorio Cassar, iben il-magħruf Ġlormu Cassar, li ismu baqa' marbut ma' ħafna bini fil-Belt Valletta.** [6]

**Deskrizzjoni tat-Torri**

L-ispiża għal dan it-Torri laħqet mal-12,000 skud. Fih sular wieħed maqsum f'żewġ kmamar kbar, b'erba' bastjuni fil-kantunieri tiegħu. Il-kmamar, għoljin tmintax-il metru, huma msaqqfin bit-troll u l-ħitan tagħhom ħoxnin ħames metri 'l wieħed. Madwaru tħaffer foss wiesa'. Fih kantina li kellha bwejba għal ġol-foss, biswit it-trunċiera ta' quddiemu u xi kmamar għall-għassa fuq il-bejt. It-trunċiera mgħammra bil-kanuni, kienet tħares lejn il-baħar. Biex tidħol fit-Torri, kont trid tgħaddi minn fuq pont jintrefa'. Fuq barra t-Torri, fih l-armi tal-Gran Mastru. Hu ssemma San Tumas għall-knisja ċkejkna ta' San Tumas li kienet teżisti fiż-żmien, qabel iddur għad-daħla bl-istess isem.

**Promozzjoni lit-Torri**

Issa jien li jiskantani, huwa l-fatt li ma ssirx promozzjoni fuq skala ta' sena dwar Torri bħal dan, li wara kollox, mhuwiex Torri komuni, iżda għandu kobor u prestiġju. Wara li għadda l-iskop ta' difiża tiegħu, suppost spiċċa monument storiku u attrazzjoni storika u turistika. Però dan ma ġarax. Bini bħal dan u postijiet storiċi oħra li jinsabu f'Wied il-Għajn u anki li mhumiex, spiċċaw abbandunati jew inkella wżati mhux għall-iskop tagħhom. Sfortunatament, dawn huma l-fatti. Illum sar hawn iktar għarfien u ssib entitajiet governattivi u mhux, li jaħdmu biex jagħmlu restawr ta' dawn il-postijiet storiċi li hija xi ħaġa ta' min ifaħħarha. Issa niġi għall-punt għal dak li semmejt:- Għaliex ma ngħatatx jew qed tingħata promozzjoni dwar dan it-torri, li din is-sena qed jiċċelebra erba' mitt sena storja??!!

**L-attivitajiet li qed jorganizzaw iż-Żejtun**

Filwaqt li l-ġirien tagħna, iż-Żejtun qed jirsistu u jtellgħu attivitajiet biex ifakkru bixxieraq dan l-avveniment, f'Wied il-Għajn bqajna m'għamilna xejn. Però biex inkun ġust, il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala se jorganizza attività biex ifakkar din il-ġrajja fil-bidu ta' Settembru li ġej u se jsiru *re-enactments* madwar it-Torri kif ukoll mixja ż-Żejtun fejn dawk li ħa jieħdu sehem, se jkollhom l-opportunità li jimxu pass pass mal-attakk tat-Torok. Prosit tal-inizjattiva. Imma ħaddieħor ilu jorganizza dawn l-attivitajiet fuq skala ta' sena. Issa biex inkun qed ngħid kollox, Torri San Tumas ma jaqax fil-konfini taż-Żejtun, imma tieħu gost u tammira l-entużjażmu ta' entità, bħal *Wirt iż-Żejtun* li jirsistu tassew biex iqajmu l-istorja. Wara kollox, iż-Żwieten bħaż-Żabbarin, intlaqtu mit-Torok. Wied il-Għajn ta' dak iż-żmien kien imdawwar kollu għelieqi

u għalhekk il-probbabiltà, li kienu joqogħdu n-nies hawn, hija rimota. Imma xorta waħda, nixtieq nara iktar interess fil-poplu ta' Wied il-Għajn li joħroġ b'inizjattivi bħal dawn. M'għandna xejn inqas minn ħaddieħor. Hawnhekk xtaqt naqsam magħkom x'organizzaw Wirt iż-Żejtun u x'beħsiebhom jagħmlu fix-xhur li ġejjin.

- Ġiet organizzata mixja tat-Torok 1614 għall-kbar u għat-tfal fejn kull min attenda seta' jsegwi l-passi tat-Torok minn meta ħabtu għaż-Żejtun kif ukoll ġlied irreċtat mill-grupp *Show of Arms*
- Żaru torrijiet u binjiet ta' difiża bħat-Torri San Luċjan, Torri San Tumas, Torri Mamo u l-batterija ta' Rihama fil-bajja ta' San Tumas
- Irrestawraw l-istatwa tal-ġebel ta' San Girgor
- Se jorganizzaw Simpożju Nazzjonali s-Sibt 5 ta' Lulju 2014, dwar l-istorja tal-aħħar ħbit u l-istudji li se jiġu ippreżentati, se jippubblikawhom fi ktieb
- Se jorganizzaw wirja f'Żejt iż-Żejtun ta' artefatti storiċi mill-kollezzjoni nazzjonali taħt ir-responsabbiltà ta' Heritage Malta, marbuta ma' dan l-avveniment storiku
- Qed taħdem fuq produzzjoni drammatika marbuta ma' din il-ġrajja storika
- F'Novembru beħsiebha tagħlaq dawn l-attivitajiet billi tfakkar lil Klement Tabone li kien il-mexxej taż-Żwieten meta ġġieldu kontra t-Torok.[7]

Taqta' nifsek taqra bl-attivitajiet li għamlu u li se jagħmlu. X'se jagħmel il-poplu ta' Wied il-Għajn? Ħa joqgħod ċass iħares jew se jtella' numru ta' attivitajiet ħalli jitfakkar dan l-anniversarju?

**L-eks lukanda Jerma għandha titwaqqa'**

La qed insemmi t-Torri, ma nistax ma nsemmiex ukoll lill-eks lukanda Jerma. Nagħmel appell lill-awtoritajiet biex il-ġerħa li hemm quddiem it-Torri titneħħa. L-ewwel nett qatt ma missha ingħatat art pubblika lill-privat u iktar u iktar meta din il-lukanda, kif inbniet u fejn inbniet, qed tkun ta' ostaklu għat-Torri u qed ittellef is-sbuħija artistika tiegħu; barra li qed immorru kontra l-istorja kif miktuba. Issa li m'għadhiex tintuża u spiċċat lok ta' ħafna abbużi, wasal iż-żmien li titwaqqa' u tagħmel wiesa' ħalli nit-



Kif tidher il-lukanda Jerma mit-Torri San Tumas meħud minn fuq fejsbuk Clear Down Jerma

paxxew bid-dehra tat-Torri. Min tgħid se jkollu l-kuraġġ li jwaqqa' l-*Jerma*??? Forsi jkun hemm min ma jaqbilx miegħi. Hija verità li l-lukanda kienet tipprovdi x-xogħol lill-ħaddiema li kienu jaħdmu hemm, meta tqis ukoll li kienet l-unika lukanda f'Wied il-Għajn li fiha kont nara t-turisti. B'dispjaċir ġara li ġara u spiċċat misruqa u żdingata. Apparti minnhekk, hu insult lejn l-istorja li lukanda tinbena quddiem torri storiku. U jerġa' jkun insult ieħor lejn il-poplu, jekk terġa' tinbena xi lukanda oħra. Issa ċ-ċans!!!. Forsi kif għedt qabel, ma tantx kellna apprezzament storiku, li però llum naħseb konxji tiegħu. U allura m'hemmx aktar skużi; jekk ma npoġġux il-flus jew l-investiment qabel l-istorja!!! Jien l-ewwel wieħed xbajt nisma' diskors dwarha u l-iktar ħaġa sempliċi ma saritx – li naraha titwaqqa' u ma jinbena xejn iktar quddiemha!!! Tieħu gost tinnota li xi ħadd fuq fejsbuk, waqqaf paġna bl-isem *Clear down Jerma* u hija verità sagrosanta kif spjegajt qabel.

Nittama li dan ir-raba' ċentinarju ma jgħaddiex mal-oħrajn imma jservina lkoll ta' opportunità biex niftakru minn xiex għaddew ta' qabilna u napprezzaw bini storiku bħal dan it-Torri.

Referenzi

(1) Mill-kwadru titulari ta' dak iż-żmien, kull ma fadal hu biss il-wiċċ tal-Madonna. Dan il-kwadru kien ġie mogħti lis-Santwarju mill-Gran Mastru Verdala. Ara *Il-25 Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja*, Żabbar, p.23. Paul Pace jgħid li: "Dan il-kwadru kien ġie mogħti mill-Gran Mastru Hughes de Loubenx Verdalle lil din il-kappella tal-Grazzja fl-1585 u aktar x'kien xogħol tal-pittur Taljan Filippo Paladini. Rikostruzzjoni ta' dan il-kwadru llum tinsab fil-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar. Fl-istess Mużew ma' ġenb din ir-replika, wieħed jista' jara ritratt tal-wiċċ tal-Madonna mill-kwadru oriġinali. Illum dan il-framment tal-kwadru oriġinali jinsab għand xi ħadd mhux magħruf." Ara Storja u Kultura Ħaż-Żabbar, 2011, p.15.

(2) E. B. Vella, *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk*, p.55.

(3) Lib. Bapt. II, f. 33 r.

(4) Pittura ta' din il-ġrajja tinsab fi kwadru antik tal-martirju ta' Santa Katerina, aktar x'ta' Cassarino, li jinsab fil-Mużew Parrokkjali taż-Żejtun.

(5) Kan. Joe Abela, *Wied il-Għajn*, Multiprint 1999, p.23 – p.26.

(6) Filwaqt li l-Kan. Joe Abela jgħid li l-arkitett jista' jkun Vittorio Cassar, hemm dubji dwar dan. Skont Dr. Stephen C. Spiteri Ph.D., għad irid jinxteħet iktar dawl fuq min kien l-arkitett ta' Torri San Tumas. Ara www.http://www.militaryarchitecture.com/index.php/Fortifications/st-thomas-tower-and-battery.html 22/06/2014.

(7) Il-Perit Ruben Abela, *Wirt iż-Żejtun tfakkar Għeluq l-400 Sena mill-Aħħar Ħbit tat-Torok*, Għaqda Banda Żejtun, 2014, p.110 u p.111.

## Biblijografija

Abela, Joe, Kan., *Wied il-Għajn*, Multiprint, 1999.

Abela, Ruben, Perit, *Wirt iż-Żejtun tfakkar Għeluq l-400 Sena mill-Aħħar Ħbit tat-Torok*, Għaqda Banda Żejtun, 2014.

Schembri, Malcolm, (Ed.), *Storja u Kultura Ħaż-Żabbar*, 2011.